

32001D0589

7.8.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 213/65

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Ġunju 2001

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-network Ewropew dwar l-informazzjoni u l-osservazzjoni ta' l-ambjent.**

(2001/589/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-network Ewropew dwar l-informazzjoni u l-osservazzjoni ta' l-ambjent ġew stabbiliti permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1210/90 <sup>(3)</sup>.
- (2) Il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu (Diċembru 1997) għamel il-parteċipazzjoni fil-programmi u l-aġenziji tal-Komunità mezz ta' kif tiġi mtejjba l-istrateġija ta' qabel id-dħul għall-pajjiżi taċ-ċentru u l-lvant ta' l-Ewropa. Fil-każ ta' l-aġenziji, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jipprovdu li "l-aġenziji tal-Komunità li jistgħu jipparteċipaw fihom il-pajjiżi applikanti għandhom jiġu determinati każ każ".
- (3) Il-Kunsill Ewropew ta' Helsinki (Diċembru 1999) afferma mill-ġdid in-natura inklussiva tal-proċess tad-dħul, li issa jinkludi 13-il pajjiż kandidat fi struttura waħda bil-pajjiżi kandidati jipparteċipaw fil-proċess tad-dħul fuq bażi ugwali.
- (4) Il-Kunsill, fl-14 ta' Frar 2000, awtorizza l-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mal-pajjiżi applikanti għad-dħul fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fl-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent. Il-Kummissjoni iffirmat l-Att Finali tan-negozjati fid- 9 ta' Ottubru 2000.

- (5) Il-Ftehim kif imsemmi f'din id-Deċiżjoni għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u fin-network Ewropew dwar l-informazzjoni u l-osservazzjoni ta' l-ambjent qed jiġi approvat fisem il-Komunità. It-test ta' dan il-Ftehim jinsab stabbilit bħala l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu awtorizzat jinnomina l-persuna(i) awtorizzata(i) biex jiddeposita(aw) n-notifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 18 ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fil-Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2001.

Fisem il-Kunsill

Il-President

M. WINBERG

<sup>(1)</sup> ĠU C 120 E, 24.04.2001, p. 195.

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni mibgħuta tal-31.5.2001 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU L 120, 11.05.1990, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 933/1999 (ĠU L 117, 05.05.1999, p. 1).